(g) Andorra għandha tirrikonoxxi l-liċenzji Komunitarji u l-attestazzjonijiet tax-xufier maħruġa minn Stati Membri tal-UE f'konformità mar-Regolament kif adattat f'dan l-Anness. Għall-finijiet ta' tali rikonoxximent, fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liċenzja Komunitarja, kif stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament, kif adattati fl-Appendiċi 2 tal-Anness 1 ta' dan l-Anness, u tal-attestazzjoni tax-xufier, kif stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament, kif adattati fl-Appendiċi 3 tal-Anness 1 ta' dan l-Anness, referenzi għal "Komunitarji" għandhom jinqraw "Komunitarji u ta' Andorra" u referenzi għal "Stati Membri" għandhom jinqraw "Stat(i) Membru/i tal-UE u Andorra".

10. 32009 R 1073: Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88) kif ikkoreġut minn ĠU L 272, 16.10.2015, p. 15, kif emendat bi:

- 32012 R 0611: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 611/2012 tad-9 ta' Lulju 2012 (ĠU L 178, 10.7.2012, p. 4),
- 32013 R 0517: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Artikolu 1(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Fil-każ ta' trasport minn Parti Assoċjata lejn pajjiż terz u viċi versa, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dik il-parti ta' kwalunkwe vjaġġ imwettqa fit-territorju tal-Parti Assoċjata ta' rkib jew inżul, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet Assoċjati.”

- (b) L-Artikolu 1(3) ma għandux japplika.

- (c) L-Anness II tar-Regolament għandu jiġi sostitwit bl-Appendiċi 1 tal-Anness 2 ta' dan l-Anness.

- (d) Andorra għandha tirrikonoxxi l-liċenzja Komunitarja maħruġa mill-Istati Membri tal-UE f'konformità ma' dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' tali rikonoxximent, fid-dispożizzjonijiet tal-liċenzja Komunitarja stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament, kif adattati mill-Appendiċi 1 tal-Anness 2 ta' dan l-Anness, ir-referenzi għal “Stat(i) Membru/i” għandhom jinqraw “Stat(i) Membru/i u Andorra.”

- (e) L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirrikonoxxu l-liċenzji maħruġa minn Andorra f'konformità mar-Regolament kif adattat għall-finijiet ta' dan il-Ftehim fl-Anness 2, Appendiċi 4 ta' dan l-Anness.

(f) It-test tal-Artikolu 16(1)(e) tar-Regolament għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "il-VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) jew it-taxxa fuq il-fatturat mis-servizzi tat-trasport."

11. 32014 R 0361: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 361/2014 tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 (ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39), kif ikkoreġut minn ĠU L 258, 3.10.2015, p. 11.

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Istati Membri tal-UE u Andorra għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku d-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank maħruġa f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.
- (b) Fl-Artikolu 7, il-kliem "mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni" għandu jinqara "mal-leġiżlazzjoni applikabbli skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni".
- (c) Fid-dokumenti stabbiliti fl-Annessi II sa VI tar-Regolament, il-kliem "Stat(i) Membru/i" għandu jinqara "Stat(i) Membru/i tal-UE jew Andorra", il-kliem "leġiżlazzjoni tal-Unjoni" u "fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni" għandu jinqara "mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni", il-kliem "il-leġiżlazzjoni Komunitarja" għandu jinqara "il-leġiżlazzjoni applikabbli skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni" u l-kliem "tal-liċenzja Komunitarja" għandu jinqara "tal-liċenzja".

- (d) It-test tal-punt 1(v) fil-Parti C tad-dokument stabbilit fl-Anness II tar-Regolament għandu jinqara “il-valur miżjud fuq it-taxxa (VAT) jew it-taxxa fuq il-fatturat mis-servizzi tat-trasport. ”
 - (e) Fid-dokumenti stipulati fl-Anness II, III, IV, V u VI tar-Regolament, il-kliem “Andorra (AND)” għandu jiżdied ma’ kwalunkwe lista ta’ sinjali internazzjonali distintivi u l-kliem “, kif adattat għall-finijiet tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni ma’ Andorra” għandu jiżdied wara l-kliem “tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009” u wara l-kliem “tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006”.
 - (f) L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għandhom jiġu sostitwiti bl-Anness 2 ta’ dan l-Anness
 - (g) L-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu d-dokumenti maħruġa minn Andorra f’konformità mal-Anness 2 ta’ dan l-Anness.
 - (h) Fit-tabella tad-dokument stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament, għandha tiżdied it-taqsisra “AND”, kif indikat fl-Anness 2, Appendiċi 7 ta’ dan l-Anness.
12. 31992 R 3912: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3912/92 tas-17 ta’ Diċembru 1992 dwar kontrolli mwettqa fil-Komunità fil-qasam tat-trasport bl-art u bl-ibħra interni dwar mezzi ta’ trasport reġistrati jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f’pajjiż terz (ĠU L 395, 31.12.1992, p. 6).

13. 31990 R 3916: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3916/90 tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' kriżi fis-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 375, 31.12.1990, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) F'sitwazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 4:

- (i) Jekk il-Kummissjoni Ewropea tirċievi talba minn Stat Membru tal-UE jew minn Andorra biex tadotta miżuri ta' salvagwardja, il-Kumitat Konġunt għandu jiġi notifikat dwar dan mingħajr dewmien u jingħata l-informazzjoni rilevanti kollha.
- (ii) Fuq talba ta' Parti Assoċjata, il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi ħdan il-Kumitat Konġunt. Tali konsultazzjonijiet jistgħu jintalbu wkoll fil-każ ta' estensjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.
- (iii) Ladarba l-Kummissjoni Ewropea tadotta deċiżjoni, għandha immedjatement tinnotifika l-miżuri meħudin lill-Kumitat Konġunt.
- (iv) Jekk xi waħda mill-Partijiet Assoċjati tqis li l-miżuri ta' salvagwardja jgħolqu żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet Assoċjati, l-Artikolu 97(7) ta' dan il-Ftehim għandu japplika *mutatis mutandis*.

- (b) Fir-rigward tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, Andorra għandha tkun assoċjata mal-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv fir-rigward tal-kompiti ġenerali tiegħu li jsegwi s-sitwazzjoni tas-suq tat-trasport u jagħti pariri dwar il-ġbir tad-*data* neċessarja għall-monitoraġġ tas-suq u d-detezzjoni ta' kriżi.

14. 31960 R 0011: Ir-Regolament Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 52, 16.08.1960 p. 1121), emendat bi:

- 31984 R 3626: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/84 tad-19 ta' Diċembru 1984 (ĠU L 335, 22.12.1984, p. 4),
- 32008 R 0569: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 569/2008 tat-12 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 161, 20.6.2008, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

L-Artikoli 11 sa 26 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati f'konformità mal-Protokoll Qafas 4 ta' dan il-Ftehim.

15. 32009 R 0169: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 169/2009 tas-26 ta' Frar 2009 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 61, 5.3.2009, p. 1).

Elenkat hawnhekk għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Għall-applikazzjoni, ara l-Anness XIV dwar il-Kompetizzjoni.

16. 31974 R 2988: Ir-Regolament (KEE) Nru 2988/74 tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU L 319, 29.11.1974, p. 1), emendat bi:

– 32003 R 0001: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Elenkat hawnhekk għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Għall-applikazzjoni, ara l-Protokoll Qafas 4 ta' dan il-Ftehim.

17. 31989 R 4058: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4058/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-iffissar ta' rati għat-trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri (ĠU L 390, 30.12.1989, p. 1).

18. 32006 R 0561: Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 195, 20.7.2016, p. 83, kif emendat bi:
- 32009 R 1073: Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88),
 - 32014 R 0165: Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1),
 - 32020 R 1054: Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).
19. 32010 R 0581: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' *data* rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa (ĠU L 168, 2.7.2010, p. 16).
20. C(2011)3759/F1: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-kalkolu tal-ħin tas-sewqan ta' kuljum skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (mhux ippubblikata fil-ĠU, ara: https://transport.ec.europa.eu/system/files/2016-09/2011_3759_mt.pdf).

21. 32017 D 1013: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1013 tat-30 ta' Marzu 2017 li tfassal il-formola standard għar-rappurtar li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (notifikata bid-dokument C(2017) 1927) (ĠU L 153, 16.6.2017, p. 28).
22. 32022 R 1012: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1012 tas-7 ta' April 2022 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards li jispeċifikaw il-livell ta' servizz u s-sigurtà ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri u fir-rigward tal-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom (ĠU L 170, 28.6.2022, p. 27).
23. 32014 R 0165: Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1), kif emendata bi:
 - 32020 R 1054: Ir-Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Minkejja l-Artikolu 3(1) u t-tielet u l-aħħar subparagrafi tal-Artikolu 8(1), mhux aktar tard minn sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-vetturi kollha rreġistrati f'Andorra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u impenjati esklussivament fit-trasport nazzjonali għandhom ikunu mġhammra b'takografu diġitali konformi ma' dan ir-Regolament.
- (b) Fl-Anness II, Kapitolu I, punt 1(a), dan li ġej għandu jidher fil-lista ta' numri jew ittri distintivi għall-pajjiż li ħareġ l-approvazzjoni:

“Andorra 41”.

- 24. 32016 R 0068: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51), kif emendat bi:
 - 32017 R 1503: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1503 tal-25 ta' Awwissu 2017 (ĠU L 221, 26.8.2017, p. 10).

25. 32016 R 0799: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-konstruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 146, 3.6.2016, p. 31, kif emendat bi:
- 32018 R 0502: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/502 tat-28 ta' Frar 2018 (ĠU L 85, 28.3.2018, p. 1),
 - 32020 R 0158: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/158 tal-5 ta' Frar 2020 (ĠU L 34, 6.2.2020, p. 20),
 - 32021 R 1228: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1228 tas-16 ta' Lulju 2021 (ĠU L 273, 30.7.2021, p. 1), kif emendat bi:
 - 32023 R 0980: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/980 tas-16 ta' Mejju 2023 (ĠU L 134, 22.5.2023, p. 28).
 - 32023 R 0980: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/980 tas-16 ta' Mejju 2023 (ĠU L 134, 22.5.2023, p. 28).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Fl-Anness 1C, Taqsima 4.1, il-paragrafu li ġej għandu jiżdied wara t-tabella ta' sinjali distintivi fir-rekwiżit (229):

“is-sinjal distintiv ta' Andorra, stampat bl-iswed imdawwar b'ovali sewda. Is-sinjal distintiv għandu jkun li ġej:

“Andorra AND”.

- (b) Fl-Anness II, Kapitolu I, punt 1(a), dan li ġej għandu jiżdied fil-lista ta' numri jew ittri distintivi għall-pajjiż li ħareġ l-approvazzjoni:

“Andorra 41”.

- 26. 32017R0548: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/548 tat-23 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi formola standard għad-dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tneħħija jew it-tkissir ta' siġill tat-takografu (ĠU L 79, 24.3.2017, p. 1).

27. 32006 L 0022: Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35), kif emendata bi:
- 32009 L 0004: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/4/KE tat-23 ta' Jannar 2009 (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 39),
 - 32009 L 0005: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/5/KE tat-30 ta' Jannar 2009 (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 45), kif ikkoreġuta minn ĠU L 256, 29.9.2009, p. 38,
 - 32016 R 0403: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8),
 - 32020 L 1057: Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49),
28. 32007 D 0230: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/230/KE tat-12 ta' April 2007 dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta mal-attivitajiet tat-trasport bit-triq (ĠU L 99, 14.4.2007, p. 14), kif emendata bi:
- 32009 D 0959: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2009 (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 80),

29. 32022 R 0695: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/695 tat-2 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriżi tat-trasport (ĠU L 129, 3.5.2022, p 33).
30. 32020 L 1057: Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 49).
31. 32021 R 2179: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2179 tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU L 443, 10.12.2021, p. 68).
32. 32002 L 0015: Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35), kif ikkoreġuta minn ĠU L 57, 24.2.2007, p. 28.
33. 32010 L 0035: Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

34. 32014 L 0045: Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, kif ikkoreġuta minn ĠU L 219, 22.8.2019, p. 25, kif emendata bi:

– 32021 L 1717: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1717 tad-9 ta' Lulju 2021 (ĠU L 342, 27.9.2021, p. 48),

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1, l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva għandu japplika fir-rigward tar-rikonoxximent minn Andorra ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali maħruġa minn Stat Membru tal-UE f'każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid f'Andorra ta' vettura rreġistrata fl-Istat li jiċċertifika.

35. 32021 R 0621: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/621 tas-17 ta' April 2019 dwar l-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-oġġetti li jridu jiġu ttestjati, dwar l-użu tal-metodi ta' ttestjar rakkomandati, u li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-format tad-*data* u l-proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti (ĠU L 108, 23.4.2019, p. 5).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

36. 32014 L 0047: Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134), kif ikkoreġuta minn ĠU L 197, 4.7.2014, p. 87 and ĠU L 219, 22.8.2019, p. 77, kif emendata bi:
 - 32021 L 1716: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1716 tad-29 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 342, 27.9.2021, p. 45),
37. 32017 R 2205: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2205 tad-29 ta' Novembru 2017 dwar regoli dettaljati rigward il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi kummerċjali b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi identifikati matul spezzjoni teknika waqt it-traġitt (ĠU L 314, 30.11.2017, p. 3).

38. 31992 L 0006: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27), kif emendata bi:
- 32002 L 0085: Id-Direttiva 2002/85/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 (ĠU L 327, 4.12.2002, p. 4).
39. 31991 L 0671: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3,5 tonnelli (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26), kif emendata bi:
- 32003 L 0020: Id-Direttiva 2003/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' April 2003 (ĠU L 115, 9.5.2003, p. 63),
 - 32014 L 0037: Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/37/UE tas-27 ta' Frar 2014 (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 32).
40. 32007 L 0038: Id-Direttiva 2007/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar ir- retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 25).

41. 31999 L 0037: Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57), kif emendata bi:

- 32003 L 0127: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/127/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 10, 16.1.2004, p. 29),
- 32006 L 0103: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/103/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 344),
- 32013 L 0022: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/22/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 356),
- 32014 L 0046: Id-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129),
- 32022 L 0362: Id-Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Andorra għandha toħroġ ċertifikazzjonijiet ta' reġistrazzjoni abbażi tal-mudell deskritt fl-Anness I tad-Direttiva jew abbażi tal-mudelli deskritti fl-Annessi I u II tad-Direttiva u adattati kif ġej:

(a) fil-Punt II.4, it-tieni inċiż tal-Anness I, għandu jiżdied dan li ġej:

1. "AND: Andorra".

(b) fil-Punt II.4, ir-raba' inċiż tal-Anness I, il-kliem "fil-lingwi l-oħra tal-Komunità Ewropea" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fil-lingwi l-oħra tal-UE u ta' Andorra".

(c) fil-Punt II.4, it-tieni inċiż tal-Anness II, għandu jiżdied dan li ġej:

1. "AND: Andorra".

(d) fil-Punt II.4, ir-raba' inċiż tal-Anness II, il-kliem "fil-lingwi l-oħra tal-Komunità Ewropea" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fil-lingwi l-oħra tal-UE u ta' Andorra".

(e) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1, l-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw fir-rigward ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa minn Stat Membru tal-UE għall-identifikazzjoni tal-vettura fit-traffiku internazzjonali fit-territorju ta' Andorra jew għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tagħha f'Andorra.

42. 32006 L 0001: Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82), kif emendata bi:
 - 32022 L 0738: Id-Direttiva (UE) 2022/738 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 (ĠU L 137, 16.5.2022, p. 1).
43. 31998 R 2411: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2411/98 tat-3 ta' Novembru 1998 dwar kif jingħaraf fit-traffiku inter-Komunitarju d-distintiv tal-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati l-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 299, 10.11.1998, p. 1).
44. 32022 L 2561: Id-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perġodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 46).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 9:

“Is-sewwieqa msemmija fl-Artikolu 1 li r-residenza abitwali u l-post tax-xogħol tagħhom huma f’Andorra huma intitolati b’mod alternattiv li jiksbu l-kwalifika inizjali msemmija fl-Artikolu 5 u jwettqu t-taħriġ perjodiku msemmi fl-Artikolu 7 fi Stat Membru tal-UE, sakemm it-taħriġ li jkun ipprovdut fih jikkonforma bis-sħiħ ma’ din id-Direttiva.”

- (b) Fil-punt 2(c) tal-Anness II dwar in-Naħa 1 tal-karta, dan li ġej għandu jiżdied wara l-entrata għall-Iżvezja:

“il-marka li tiddistingwi lil Andorra mdawra mill-ovali kif imsemmija fl-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Traffiku fit-Toroq tat-8 ta’ Novembru 1968 (bl-istess sfond bħall-karta); il-marka li tiddistingwi għandha tkun li ġejja:

AND: Andorra”

- (c) Fil-punt 2(e) tal-Anness II dwar in-Naħa 1 tal-karta, il-kliem “mudell tal-Unjoni Ewropea” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “Mudell li jikkorrispondi mal-mudell tal-UE”.
- (d) Fil-punt 2(e) tal-Anness II dwar in-Naħa 1 tal-karta, Andorra għandha tuża l-lingwa uffiċjali tagħha.
- (e) Il-punt 2(f) tal-Anness II dwar in-Naħa 1 tal-karta ma għandhiex tapplika għal Andorra.

45. 32006 L 0126: Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid) (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18), kif emendata bi:
- 32009 L 0113: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awwissu 2009 (ĠU L 223, 26.8.2009, p. 31),
 - 32011 L 0094: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/94/UE tat-28 ta' Novembru 2011 (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 31),
 - 32012 L 0036: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-19 ta' Novembru 2012 (ĠU L 321, 20.11.2012, p. 54), kif ikkoreġuta minn ĠU L 81, 28.3.2017, p. 20,
 - 32013 L 0022: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/22/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 356),
 - 32013 L 0047: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/47/UE tat-2 ta' Ottubru 2013 (ĠU L 261, 3.10.2013, p. 29),
 - 32014 L 0085: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/85/UE tal-1 ta' Lulju 2014 (ĠU L 194, 2.7.2014, p. 10),
 - 32015 L 0653: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/653 tal-24 ta' April 2015 (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 68), kif ikkoreġuta minn ĠU L 89, 1.4.2017, p. 18,

- 32016 L 1106: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/1106 tas-7 ta' Lulju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 59),
- 32018 L 0645: Id-Direttiva (UE) 2018/645 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 29),
- 32018 L 0933: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/933 tad-29 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 35),
- 32020 L 0612: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/612 tal-4 ta' Mejju 2020 (ĠU L 141, 5.5.2020, p. 9).

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) It-tieni sentenza tal-Artikolu 1(1) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Il-liċenzji tas-sewqan ta' Andorra għandu jkun fihom is-sinjal distintiv li ġej: ‘AND (Andorra)’.”

- (b) Fil-punt 3 tal-Anness I, is-sentenza introduttorja fl-ittra (c) dwar il-paġna 1 tal-liċenzja għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“is-sinjal distintiv ta' Andorra mdawwar mill-ovali kif imsemmija fl-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Traffiku fit-Toroq tat-8 ta' Novembru 1968 (bl-istess sfond bħal-liċenzja); is-sinjal distintiv għandu jkun li ġej:”

- (c) Fil-punt 3 tal-Anness I, dan li ġej għandu jiżdied mal-ittra (c) dwar il-paġna 1 tal-liċenzja:

“AND: Andorra”.

- (d) Fil-punt 3 tal-Anness I, il-kliem “mudell tal-Unjoni Ewropea” fl-ittra (e) dwar il-paġna 1 tal-liċenzja għandu jiġi sostitwit bil-kliem “Mudell li jikkorrispondi għall-mudell tal-UE”.

- (e) Fil-punt 3 tal-Anness I, l-ittra (f) dwar il-paġna 1 tal-liċenzja ma għandhiex tapplika għal Andorra.

46. 32012 R 0383: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 tal-4 ta' Mejju 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward ta' liċenzji tas-sewqan li jinkludu mezzi għall-ħażna (mikroċipp) (ĠU L 120, 5.5.2012, p. 1), kif emendat bi:

- 32014 R 0575: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 575/2014 tas-27 ta' Mejju 2014 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 47).

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom, għall-fini ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fil-punt III.4.2 tal-Anness III, dan li ġej għandu jiżdied mal-ittra (a) dwar in-numru li jiddistingwi:

- “41 għal Andorra”.

(b) Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex toħroġ liċenzji tas-sewqan li tinkludi mikroċippa skont regoli nazzjonali għajr dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012.

47. 32016 D 1945: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1945 tal-14 ta' Ottubru 2016 dwar l-ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan (ĠU L 302, 9.11.2016, p. 62).

48. 32015 L 0413: Id-Direttiva (UE) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9).
49. 32008 L 0068: Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13), kif emendata bi:
- 32009 D 0240: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/240/KE tal-4 ta' Mejju 2009 (ĠU L 71, 17.3.2009, p. 23),
 - 32010 D 0187: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/187/UE tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 83, 30.3.2010, p. 24),
 - 32010 L 0061: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/61/UE tat-2 ta' Settembru 2010 (ĠU L 233, 3.9.2010, p. 27),
 - 32011 D 0026: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/26/UE tal-14 ta' Jannar 2011 (ĠU L 13, 18.1.2011, p. 64),
 - 32012 L 0045: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/45/UE tat-3 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 332, 4.12.2012, p. 18),

- 32014 L 0103: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/103/UE tal-21 ta' Novembru 2014 (ĠU L 335, 22.11.2014, p. 15),
- 32015 D 0217: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/217 tal-10 ta' April 2014 (ĠU L 44, 18.2.2015, p. 1),
- 32015 D 0974: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/974 tas-17 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 157, 23.6.2015, p. 53),
- 32016 D 0629: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/629 tal-20 ta' April 2016 (ĠU L 106, 22.4.2016, p. 26),
- 32016 L 2309: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/2309 tas-16 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 345, 20.12.2016, p. 48),
- 32017 D 0695: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/695 tas-7 ta' April 2017 (ĠU L 101, 13.4.2017, p. 37),
- 32018 L 0217: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/217 tal-31 ta' Jannar 2018 (ĠU L 42, 15.2.2018, p. 52),
- 32018 D 0936: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/936 tad-29 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 42),

- 32018 L 1846: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/1846 tat-23 ta' Novembru 2018 (ĠU L 299, 26.11.2018, p. 58),
 - 32019 D 1094: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1094 tas-17 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 173, 27.6.2019, p. 52),
 - 32020 L 1833: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1833 tat-2 ta' Ottubru 2020 (ĠU L 408, 4.12.2020, p. 1),
 - 32020 D 1241: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1241 tat-28 ta' Awwissu 2020 (ĠU L 284, 1.9.2020, p. 9),
 - 32022 D 1095: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1095 tad-29 ta' Ġunju 2022 (*ĠU L 176, 1.7.2022, p. 33*),
 - 32022 L 2407: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/2407 tal-20 ta' Settembru 2022 (ĠU L 317, 9.12.2022, p. 64).
50. 32022 L 1999: Id-Direttiva (UE) 2022/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar proċeduri uniformi għal kontrolli fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (kodifikazzjoni) (ĠU L 274, 24.10.2022, p. 1).

51. 32004 L 0054: Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 201, 7.6.2004, p. 56), kif ikkoreġuta minn ĠU L 201, 7.6.2004, p. 56.

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-kostruzzjoni fit-territorju tagħha ta' mini b'tulijiet ta' aktar minn 500 m skont regoli nazzjonali minbarra dawk stabbiliti f'din id-Direttiva u għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-mini rispettivi.

52. 32008 L 0096: Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59), kif emendata bi:

- 32019 L 1936: Id-Direttiva (UE) 2019/1936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 1).

53. 31996 L 0053: Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59), kif emendata bi:
- 32002 L 0007: Id-Direttiva 2002/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 (ĠU L 67, 9.3.2002, p. 47),
 - 32015 L 0719: Id-Direttiva (UE) 2015/719 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1), kif ikkoreġuta minn ĠU L 277, 27.10.2022, p. 314,
 - 32019 D 0984: Id-Deċiżjoni (UE) 2019/984 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 164, 20.6.2019, p. 30),
 - 32019 R 1242: Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202),
54. 32019 R 1213: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1213 tat-12 ta' Lulju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà u tal-kompatibbiltà tat-tagħmir għall-użin abbord skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 192, 18.7.2019, p. 1).

55. 31989 L 0459: Id-Direttiva tal-Kunsill 89/459/KEE tat-18 ta' Lulju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-fond tad-disinji tat-tyres ta' ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur u tal-karrijiet tagħhom (ĠU L 226, 3.8.1989, p. 4).

KAPITOLU 3

TRASPORT FERROVJARJU

Id-dispożizzjonijiet tal-atti legali tal-UE li ġejjin elenkati f'dan il-Kapitolu għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim għandu japplika għal:
 - (i) Id-Direttiva 2012/34/UE, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu I (l-Artikoli minn 1 sa 3), il-Kapitolu III (l-Artikoli minn 16 sa 25) u l-Kapitolu V (l-Artikoli minn 58 sa 67) tad-Direttiva 2012/34/UE;
 - (ii) L-atti legali tal-UE elenkati hawn taħt fil-punti 3. sa 56..
- (b) Matul il-perjodu ta' sospensjoni msemmi fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1:
 - (i) Andorra ma għandhiex tawtorizza t-twaqqif jew it-tħaddim ta' kwalunkwe sistema ferrovjarja li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-atti fit-territorju tagħha:

(ii) Andorra ma għandhiex tawtorizza t-twaqqif ta' awtorità tal-liċenzji, ċentri għat-taħriġ jew tintroduċi kundizzjonijiet u proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' xufiera tal-ferroviji li joperaw lokomottivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja skont ir-regoli nazzjonali għajr dawk stabbiliti fl-atti legali tal-UE elenkati hawn taħt fil-punti 19. sa 22.;

(iii) Andorra ma għandhiex tawtorizza t-tqegħid fis-suq jew it-tħaddim ta' tagħmir ferrovjarju fir-rigward tad-disinn, il-konstruzzjoni, l-aġġornament, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir bħal dan skont ir-regoli nazzjonali għajr dawk stabbiliti fl-atti legali tal-UE elenkati hawn taħt fil-punti 23. sa 44..

1. 31960 R 0011: Ir-Regolament Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 52, 16.08.1960, p. 1121), kif emendat bi:

– 31984 R 3626: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/84 tad-19 ta' Diċembru 1984 (ĠU L 335, 22.12.1984, p. 4),

– 32008 R 0569: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 569/2008 tat-12 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 161, 20.6.2008, p. 1).

2. 32012 L 0034: Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32), kif ikkoreġut minn ĠU L 67, 12.3.2015, p. 32, kif emendata bi:

– 32016 L 2370: Id-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1),

– 32017 D 2075: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2075 tal-4 ta' Settembru 2017 (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 69).

3. 32015 R 0010: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/10 tas-6 ta' Jannar 2015 dwar kriterji għall-applikanti għall-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 870/2014 (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 34).
4. 32015 R 0171: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/171 tal-4 ta' Frar 2015 dwar ċerti aspetti tal-proċedura ta' liċenzjar tal-impriżi ferrovjarji (ĠU L 29, 5.2.2015, p. 3).
5. 32015 R 0429: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/429 tat-13 ta' Marzu 2015 li jistabbilixxi l-modalitajiet li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-imposti għall-ispejjeż tal-effetti tal-istorbju (ĠU L 70, 14.3.2015, p. 36).
6. 32015 R 0909: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju (ĠU L 148, 13.6.2015, p. 17).
7. 32015 R 1100: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1100 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri fil-qafas tal-monitoraġġ tas-suq ferrovjarju (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 1).

8. 32016 R 0545: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/545 tas-7 ta' April 2016 dwar proċeduri u kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' ftehimiet qafas għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja (ĠU L 94, 8.4.2016, p. 1).
9. 32017 R 2177: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2177 tat-22 ta' Novembru 2017 dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU L 307, 23.11.2017, p. 1).
10. 32018 R 1795: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1795 tal-20 ta' Novembru 2018 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kriterji għall-applikazzjoni tat-test tal-bilanċ ekonomiku skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 21.11.2018, p. 5).
11. 32010 R 0913: Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 22), kif emendat bi:
 - 32013 R 1316: Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).
12. 32015 D 1111: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1111 tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 181, 9.7.2015, p. 82).

13. 32017 D 0177: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/177 tal-31 ta' Jannar 2017 dwar il-konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-proposta konġunta biex jiġi stabbilit il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija "Amber" (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 69).
14. 32017 D 0178: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/178 tal-31 ta' Jannar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1111 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 71).
15. 32018 D 0300: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/300 tal-11 ta' Jannar 2018 dwar il-konformità tal-proposta konġunta sottomessa mill-Istati Membri fir-rigward tal-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija tal-Atlantiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 56, 28.2.2018, p. 60).
16. 32018 D 0491: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/491 tal-21 ta' Marzu 2018 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 81, 23. 3.2018, p. 23).

17. 32018 D 0500: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/500 tat-22 ta' Marzu 2018 dwar il-konformità tal-proposta biex jiġi stabbilit il-kuritur ferrovjarju tal-merkanzija bejn l-Alpi u l-Balkani tal-Punent mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 82, 26.3.2018, p. 13).
18. 32020 D 2168: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2168 tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-konformità tal-proposta konġunta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati għall-estensjoni tal-kuritur tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija bejn il-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar network ferrovjarju Ewropew għat-trasport ta' merkanzija kompetittiv (ĠU L 431, 21.12.2020, p. 72).
19. 32007 L 0059: Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51), kif emendata bi:
- 32014 L 0082: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/82/UE tal-24 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 11),
 - 32016 L 0882: Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/882 tal-1 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 22),

- 32019 R 0554: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/554 tal-5 ta' April 2019 (ĠU L 97, 8.4.2019, p. 1).
20. 32010 R 0036: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1), kif ikkoreġut minn ĠU L 286, 4.11.2010, p. 22, kif emendata bi:
- 32013 R 0519: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 74).
21. 32010 D 0017: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/17/KE tad-29 ta' Ottubru 2009 dwar l-adozzjoni ta' parametri bażiċi għar-reġistri ta' liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji u ċ-ċertifikati komplementari pprovduti skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 17).
22. 32011 D 0765: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36).

23. 32016 L 0797: Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44), kif emendata bi:
- 32020 L 0700: Id-Direttiva (UE) 2020/700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 27).
24. 32017 D 1474: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-oġettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 210, 15.8.2017, p. 5).
25. 32018 R 0545: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66).
26. 32018 D 1614: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53).

27. 32019 R 0250: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/250 tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-mudelli għad-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikati "KE" għall-kostitwenti u s-subsistemi ta' interoperabbiltà ferrovjarja, dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja u dwar il-proċeduri ta' verifika "KE" għas-subsistemi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 (ĠU L 42, 13.2.2019, p. 9).
